JMS. 10 (1975)
(128-133)
MFN

# IL-PELLEGRINAĠĠ

## (Al Hajj)

*imnebbħa wara l-Hiġra Ta' Medina e l-versi tagħha 78*

ta' Dennis Agius

F'isem Alla li jħenn u li jagħder.

Ja bnedmin! Ibżgħu mill-Mulej tagħkom tabilħaqq it-tregħid tas-siegħa hu kbir. 1

Tarawh il-jum, fejn kull mara li tredda' tinsa t-tarbija mreddgħa, kull mara tqila titlaq it-tqala tagħha: u tara n-nies fis-sakra iżda ma jkunux sakrana; u għadab Alla ikun qalil. 2

U fost in-nies (hemm) min jitħaddet ma' Alla bla għaqal, u (hemm) min jimxi wara kull xitan ta' rasu iebsa. 3

Miktub li kull min jimxi wara (dan) ix-xitan, idawwru u jieħdu lejn l-uġigħ tan-nar. 4

Ja bnedmin! jekk kontu f'xi tħassib dwar il-qawmien; tabilħaqq ħlaqniekom mit-trab imbagħad minn qatra, imbagħad minn għolqa, imbagħad minn ħaġa magħquda sehem minnha msawwar, u ieħor mingħajr sura fejn nurukom (qawwietna). U nħallu fil-ġwief lill min irridu sakemm jinħtieġ, imbagħad noħorġulkom tifel. U ntellgħuhulkom felħan; iżda oħrajn imsejħin sabiex imutu w oħrajn mibgħutin sal-għomor fqajjar u kbir, sakemm isiru ma jafu xejn wara li jkunu għarfu ħafna; tara l-art mogħxa, u meta niżżilna x-xita fuqha, tixrob, u terġa' l-ħajja, tinbet kull xitla biż-żewġ. 5

U dan għaliex Alla hu s-Sewwa, huwa jaħji l-mejta, huwa l-Qawwa fuq kollox. 6

U s-siegħa tiġi, m'hemmx tħassib, tabilħaqq Alla jqajjem lil dawk fl-oqbra qegħdin. 7

U fost in-nies (hemm) min jitkellem bla għerf fuq Alla, mingħajr triq u la ktieb id-Dawl. 8

Bi stmerrija, sabiex imexxi (n-nies) f'triqet Alla. Għalih hemm għajb u jduq f'din il-ħajja u fl-aħħar jum uġigħ il-ħruq. 9

Dan, (sar) minn x'hiex għamlet idejk, u għax Alla ma jagħmelx għajr il-ħaqq mal-qaddejja tiegħu. 10

U fost in-nies (hemm min iqim lil Alla kif jaħbat, jekk jiġih tajjeb, ferħan, jekk jiġih ħażin, mdejjaq; dan jitlef din id-dinja u li ġejja. Dan hu telf tabilħaqq. 11

Jitolbu (lill-allat u) mhux lil Alla, u (dawn) la telf u la rebħ għalihom; dan hu għelt jbegħidhom tabilħaqq. 12

Jitolbu lil min jagħmilhom il-ħsara, għax iktar siewja għalihom mit-tajjeb, seħibhom huwa l-ħażen u ħabibhom huwa l-ħażen. 13

Tabilħaqq, Alla jdaħħal lil dawk li jemmnu w jagħmlu t-tajjeb, fil-ġonna (fejn) jiġru x-xmajjar minn taħthom. Tabilħaqq Alla jagħmel dak li jrid. 14

Min kien jaħseb li Alla ma jgħinux (jiġifieri: Moħammed) f'din id-dinja u li ġejja, ħallih mela jdendel ħabel mas-saqaf u jitgħallaq; ħallih mela jara jekk b'dak li jaħseb hu jdawwarx dak li jagħdbu. 15

Hekk niżżilna vrus dgħajfa. Tabilħaqq Alla jmexxi fit-triq it-tajba lil min irid. 16

U dawk li jemmnu, u li jimxu mal-Lhud, mas-Sebin u l-Insara u l-Maġi, u dawk li jissieħbu mal-allat, tabilħaqq Alla jagħżel bejniethom f'jum il-ħaqq; tassew li Alla huwa f'kollox ix-xhud. 17

Mela ma tarax, li jqimu lil Alla l-ħlejjaq kollha tas-sema u l-art, u x-xemx u l-qamar, il-kwiekeb, l-iġbla, s-siġar u l-bhejjem u kull xorta ta' ġens? Iżda ħafna jisthoqqilhom it-tbatija. Tabilħaqq Alla jagħmel dak li jrid. 18

Dawn it-tnejn (jiġifieri: dak li jemmen u dak li ma jemmenx) jgħakksu lil xulxin fuq il-Mulej tagħhom; u dawk li jiċħdu lil Alla tinqgħatalhom libsa tan-nar: u jitferra' fuq rashom ilma sħun. 19

Ġisimhom u ġildethom jixxawwtu. 20

U għalihom ikun hemm għodda tal-ħadid. 21

Kull darba li xtaqu joħorġu minnu (jiġifieri: l-infern) bid-dieq jintefgħu fih: duqu intom uġigħ il-ħruq. 22

Tabilħaqq Alla jdaħħal dawk li jemmnu u jagħmlu t-tajjeb, fil-ġonna, jiġru x-xmajjar minn taħthom; u jiżżejjnu bil-ħoloq tad-deheb u tal-ġawhar, w ilbieshom ikunu tal-ħarir. 23

Itmexxew bit-taħdit it-tajjeb, itmexxew fit-triq (tal-Mulej); lilu foħrija. 24

Dawk li ċaħdu u saddew it-triq ta' Alla, għal ħaddieħor, u mill-moskeja mbierka li bnejna għan-nies, kemm min jgħammar (hemm) kemm lil min iżur, u min ma jqimx jew jagħmel ħażin, jduq uġigħ kbir. 25

Ara! tajna mkien lil Abraham sabiex xejn ma jixxierek miegħi; "qaddes dari għal dawk li jiġu (għandi) u jqimu u jintrewew (għat-talb). 26

U ħabbar lin-nies bil-Pellegrinaġġ, jiġuk b'saqajhom u fuq kull għamla ta' ġemel; jiġu mill-bgħid, sa l-ibgħad trufijiet, 27

Li jixhdu t-tajjeb li ngħata lilhom, u jsemmu isem Alla fil-jiem im-semmija fuq il-bhejjem li tajniehom." "Kulu min dan u itimgħu lill-imġewwħin." 28

Mela ħalluhom itemmu d-drawwiet. Halluhom jagħmlu l-wegħdiet tagħhom, ħalluhom iduru dawra (fit-talb) mad-Dar il-Qadima. 29

Din hi; min iqim id-drawwiet ta' Alla, huwa tajjeb għand il-Mulej tiegħu. Tistgħu tieħdu bhejjem barra minn dawk imsemmijin lilkom. Qiegħdu fil-ġenb l-allat, u qiegħdu fil-ġenb it-tahdit ħażin. 30

(Kunu) safjin ma' Alla u la xxierkuhx. U min jixxierek ma' Alla hu bħal dak li qisu waqa' mis-sema u nħataf mit-tajr, jew ġarru r-riħ flimkien bgħid. 31

Din hi; U min iqim id-drawwiet ta' Alla, dan juri tabilħaqq il-qdu-sija tal-qlub. 32

Għalikom għandkom għotjiet għal żmien imsemmi; imbagħad, im-kienkom għad-debħiet huwa ħdejn id-Dar il-Qadima. 33

U lil kull ġens qegħedna drawwiet, sabiex isemmi isem Alla fuq il-bhejjem li ngħatawlu. Iżda Alla tagħkom huwa wieħed, agħtu lil-kom infuskom lilu u agħtu aħbar tajba liċ-ċkejknin fir-ruħ. 34

Lil dawk li meta ssemma Alla timtela' qalbhom bil-biża' u f'kull ma jinqagħlalhom, u jagħmlu t-talb, u jagħtu minn (dak) li ngħatalhom. 35

U l-iġmla qegħdiehom bħala xbieha; għalikom hemm tajjeb fihom; semmu isem Alla fuqhom, qegħduhom f'sensiela, u meta tkunu qegħdtuhom fuq ġenbejhom kulu minnhom u itimgħu lill-imġewħin; ħlaqniehom għalikom sabiex tiżżuħajr. 36

Ma jasalx għand Alla l-laħam, u lanqas id-demm tagħhom, iżda l-qdusija tagħkom tasal għandu; għalhekk għamilhom Alla sabiex tgħollu ismu għax uriekom it-triq. Habbar aħbarijiet tajba lit-tajbin. 37

Tabilħaqq Alla jgħin lil dawk li jemmnu, tabilħaqq Alla ma jħobbx lill-kefrin. 38

Jistgħu li jitqatlu għalihom, jiġġieldu, għax għamlu ħażin. Tabilħaqq Alla huwa tagħhom rebbieħ. 39

Dawk li jintefgħu barra minn darhom mingħajr ħaqq, għax ikunu qalu: "Alla l-Mulej tagħna. Kieku Alla ma rażżanx nies minn oħra, kieku tassew kienu jitkissru l-monasterji, l-knejjes u s-sinagogi u l-moskeji; jissemma fihom isem Alla ta' sikwiet. Alla jgħin lil min jgħinu, tabilħaqq Alla huwa l-ogħla qdusija." 40

Dawk li saħħaħniehom fuq l-art, jagħmlu t-talb, jgħinu l-meħteġin u jagħmlu t-tajjeb u jwarrbu l-ħażin. U Alla l-ħlas tal-ħwejjeġ kollha. 41

U jekk igiddbuk, (tibżax); hekk għamel il-poplu fi żmien Noe, Għad u Thamud, 42

U l-poplu ta' Abraham u Lut; 43

U in-nies ta' Madyan. U giddbu lil Musè. Iżda Jiena serraħt lill-kefrin, imbagħad għakkisthom, kemm kien (kbir) l-għadab tiegħi għalihom. 44

U kemm kissirna bliet li għemilhom Ħażin; iġġarrfu fuq is-soqfa tagħhom (u kemm) bjar mitluqin u għejjun sbieħ. 45

Mela ma jsifrux fl-artijiet sabiex qalbhom issib l-għerf, jew widnejhom tisma'? Tabilħaqq ma jagħmux għajnejhom, iżda tagħna l-qalb li qegħda f'sidirhom. 46

U jħaffuk biex tikkastighom. Ma jinsiex Alla dak li wiegħed; tabilħaqq jum wieħed għand il-Mulej jiswa daqs elf sena milli tgħoddu intom. 47

U kemm bliet tamajt fihom u huma fil-ħażen; imbagħad ikkastigajthom. U għandi jerġgħu lura. 48

Għid: ja bnedmin, tabilħaqq jiena għalikom għandi twiddiba bla xkiel. 49

Dawk li jemmnu u jagħmlu t-tajjeb, ikollhom maħfra u risq mill-aħjar. 50

Dawk li jitħabtu biex ifarrku l-għeliem tagħna, jsiru dawn sħab l-Infern. 51

Ma bgħatniex minn qablek rasul jew profeta, li ma xtaqx it-tajjeb, u ma ħawwadx ix-xitan xewqtu. Isaffi Alla kulma x-xitan iħawwad. U jqawwi Alla l-vrus tiegħu, w Alla għaref u kbir fl-għerf; 52

Li Alla jġarrab bil-ħila tax-xitan lil dawk li f'qalbhom (miżgħuda) mard u qalbhom iebsa; tabilħaqq in-nies ħżiena maqtugħin. 53

U li jkunu jafu dawk li ngħatalhom l-għerf, lill-Haqq minn għand il-Mulej u jemmnu fih (jiġifieri: il-Qoran) u qalbhom tinfetaħ għalih. Tabilħaqq Alla jmexxi dawk li jemmnu fit-triq it-tajba. 54

Jibqgħu dawk li ma jemmnux fit-tħassib sakemm ħesrem tasal l-aħħar siegħa għalihom, jew jiġi fuqhom il-kastig ta' jum mill-agħar. 55

U s-saltna f'dak il-jum tkun ta' Alla li jagħmel ħaqq bejniethom: mela dawk li jemmnu u jagħmlu t-tajjeb (jidħlu) fil-ġonna tal-għaxqa, 56

U dawk li ma jemmnux u jiċħdu l-għeliem tagħna jkollhom kastig u jċekkinhom. 57

U dawk li ma jemmnux u jiċħdu l-għeliem

U dawk li jitilqu djarhom f'ġieħ Alla, imbagħad jitqatlu jew imutu, jitfagħlhom Alla r-risq it-tajjeb. Tabilħaqq Alla huwa l-ħajr tal-aħjar risq. 58

Tassew huwa jdaħħalhom minn bieb u jkunu ferħanin. Tabilħaqq Alla huwa l-għerf u s-sabar. 59

Hekk; u min ħallas b'xi għemil ħażin, bħal ma tagħmel lilu, imbagħad jagħmel ħażin, Alla jgħinu. Tassew Alla jneħħi (d-dnub) u jaħfer. 60

Hekk; għaliex Alla jdaħħal il-lejl fin-nhar, u jdaħħal in-nhar fil-lejl. Tabilħaqq Alla hu s-semmiegħ, u li jara kollox. 61

Hekk; għaliex Alla huwa l-ħaqq, u dawk li jsejħu lil xi ħadd ieħor, dan huwa qerq. Tabilħaqq Alla huwa l-ogħla u l-akbar. 62

Mela ma tarax, Alla niżżel mis-sema l-ilma u tħaddar l-art. Tassew Alla huwa li jara l-iċken ħaġa u huwa midħla tagħha. 63

Għandu kollox (li jinstab) fis-smewwiet u fl-art. Tassew Alla huwa għani u mimli sebħ. 64

Mela ma tarax, Alla qegħdilkom dak kollu li hemm fuq l-art u l-imriekeb jiġru fil-baħar bl-amar tiegħu. Iżomm is-sema li ma taqax fuq l-art ħlief bir-rieda tiegħu. Tassew Alla man-nies mill-aħjar u l-iżjed ħanin. 65

Huwa li ħjiekom u jmewwitkom, imbagħad jaħjikom (waqt il-qawmien). Kiefer il-bniedem tassew. 66

Lil kull poplu qegħdnielu drawwiet biex jimxi warajhom; tħallihomx

jitħanqu fuq dawn il-ħwejjeġ. Stiednihom għand il-Mulej tiegħek, tabilħaqq inti fit-triq it-tajba. 67

U jekk iħaqquha miegħek, għid: Alla jaf b'dak li tagħmlu. 68

Alla jagħmel ħaqq bejnietkom f'jum il-Qawmien f'dawk il-ħwejjeġ li ma taqblux. 69

Mela ma tafx: Alla jagħraf kull ma hemm fis-sema u fl-art. Tabilħaqq, hekk (jinstab) fil-ktieb; tassew għal Alla m'hemmx taħbit. 70

U jqimu ħwejjeġ u jwarrbu lil Alla, m'hemmx setgħa għalihom u b'dan ma jafux. M'hemmx għajnuna għall-imħassrin. 71

Meta għeliem dgħajfa tagħna jitilgħu quddiemhom ħafna drabi, tilmaħ fuq wiċċ dawk, li ma jemmnux ċaħda. Saħansitra jitqatlu bi ħruxija dawk li jitilgħu quddiemhom l-għeliem tagħna. Għid: Inbassrilkom agħar minn dawn. In-nar wiegħed Alla lil dawk li ċaħduh. U ħażin huwa d-destin tagħhom. 72

Ja bnedmin! Għandkom xbieha, isimgħuha: Dawk li intom titolbu minbarra Alla ma joħolqux dubbiena, u jekk jiltaqgħu (biex joħolquha) id-dubbiena taħtafilhom xi ħaġa minnhom ma jkunux jistgħu minnha jeħduha lura. Dgħajfa t-tallaba u l-mitlub. 73

Ma jqimux 'l Alla kif jixraq. Tabilħaqq Alla hu l-qawwi u setgħan. 74

Alla jagħżel il-baxxara (messaġiri) mill-ħabbara (anġli) u mill-bnedmin. Tabilħaqq Alla hu li jisma' u jara kollox. 75

Jaf x'hemm bejn idejhom u warajhom; lejn Alla jerġgħu l-ħwejjeġ kollha. 76

Ja intom li temmnu, ilwu rkopptejkom mixħutin ma' l-art, u qimu l-Mulej. Agħmlu t-tajjeb u intom timexxu. 77

Issieltu tislit fi triqet Alla. Għażilkom* u ma qiegħedx ebda taħwid fid-din: huwa ġieħ missierkom Abraham; semmiekom misilmin, minn qabel u f'dan (il-Quran). Ikun ir-rasul xhud għalikom u tkunu xhieda lil bnedmin; itolbu w igħinu l-imsejknin, żommu sħiħ ma' Alla. Huwa l-Mulej tagħkom; kemm kbir huwa l-Mulej u kemm kbir huwa r-rebbieħ! 78

* جهاد (il-qtil imqaddes!), kelma ta' siwi kbir fl-Islam. Ma tfissirx biss il-qtil bis-sejf, izda li l-musulman jaghmel tajjeb mieghu stess.